KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 11

Il-ħdax is-seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 5 ta' Marzu 2025 fis-6pm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:08pm:***

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

11.2 Diskussjoni u approvazzjoni tal-infurzar tal-*bye-law* dwar it-tneġġija ta' skips madwar il-lokalita';

11.3 Tmiem tal-laqgħa

## 11.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**11.1.1** Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier D Muscat, E Borg u V Galea Pace

## 11.2 DISKUSSJONI U APPROVAZZJONI TAL-INFURZAR TAL-*BYE-LAW* DWAR IT-TNEĠĠIJA TA' SKIPS MADWAR IL-LOKALITA'

**11.2.1** Is-Sindku spjega li f'dawn l-aħħar snin kien qed isir ħafna abbuż minn ħafna sidien ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel. Fejn, dawn suppost ikollhom il-kollettur privat tagħhom sabiex jinġabar l-iskart ta' kuljum, minflokk ġejna f'sitwazzjoni li l-kontenituri taż-żibel qed jinfirxu mal-lokalita' kollha u saħansitra qegħdin jieħdu spazji ta' parkeġġ u jingumbraw postijiet pubbliċi.

Is-Sindku qara' l-*bye-law* li kien ħareġ il-kunsill u spjega li l-kunsill jista' jordna it-tneħħija ta' dawn il-kontenituri. Kompla jgħid li l-*bye-law* fiha xi ftit kontradizzjonijiet hekk kif kienet miktuba.

**11.2.2** Il-kunsillier R Borg staqsa għas-sospensjoni tal-laqgħa

**11.2.3** Is-Sindku staqsa lil kunsillieri preżenti jekk jaqblu li l-kunsill jibgħat ittra lis-sidien kollha ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel u l-operaturi ta' l-*iskips*, sabiex jinnotifikhom dwar id-deċiżjoni tal-kunsill li kien ser jinforza l-*bye-law* sabiex jitneħħew il-kontenituri tagħhom mill-postijiet pubbliċi.

**11.2.4** Il-Viċi Sindku staqsa jekk wara d-data stabbilita għat-tneħħija tal-iskips, il-kunsill ser ikun f'pożizzjoni li jinforza din id-deċiżjoni?

- Il-kunsillier J Aquilina ikkummenta billi qal li l-kunsill għandu jgħid li wara d-data stabbilita mill-kunsill, l-*iskips* ser jitneħħew

**11.2.5** Il-kunsillier Z Zammit qal li jekk il-kunsill irid jagħmel impatt u differenza, iva jibgħat l-ittra u skont il-liġi dawn l-istabbilimenti ta' l-ikel ikollhom *swill room* u fl-istess ħin, il-kunsill m'għandux għalfejn jidher li qed jiġġieled ma l-istabbilimenti ta' l-ikel u wisq anqas ma' l-operaturi ta' l-*iskips.* Kompla jgħid li flok jitneħħew l-*iskips*, l-aħjar li jiġu imħarka darba, darbtejn.

**11.2.6** Il-kunsillier J Aquilina qal li jaqbel mas-Sindku, li tintbagħat ittra iebsa lis-sidien kollha ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel u l-operaturi ta' l-*iskips*. Qal ukoll li l-kunsill għandu jikkonsidra li joħroġ CFQ għal min irid jiġbor l-*iskips* għal fini ta' infurzar min naħa tal-kunsill. B'hekk il-kunsill ikun hekk jissekwestra l-kontenituri kollha minn art pubblika.

- Is-Seg. Eżek. spjega li kien ser jiċċekkja x'tgħid il-liġi dwar jekk il-kunsill jista' jieħu azzjoni bħal dak li qed jgħid il-kunsillier J Aquilina

**11.2.7** Is-Sindku ħabbar li lejn l-aħħar ta' Marzu ser jingħata t-tarmac ix-Xatt kollu, minn Manuel Island sa Pjazza Sant' Anna.

**11.2.8** Il-Viċi Sindku qal li l-ittra trid tintbagħat b'mod reġistrat.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

**11.2.9** Il-kunsillier R Borg qal li l-kunsill għandu jordna numru ta' *stickers* biex dawn jiġu mwaħħla fuq l-iskips, b'messaġġ ċar li jgħid li l-iskips ser jitneħħew sat-tali data jekk dawn m'humiex ser jitneħħew mis-sidien ta' l-istabbilimenti stess.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

**11.2.10** Il-kunsillier K Wain staqsa jekk l-istabbilimenti li m'għandhomx fejn jagħmlu ż-żibel tagħhom, fejn ser ipoġġu ż-żibel meta jagħlqu l-istabbiliment?

**11.2.11** Is-Sindku staqsa lil kunsillieri preżenti jekk jaqblu li l-kunsill jibgħat ittra reġistrata lis-sidien kollha ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel, l-operaturi tad-dgħajjes u tal-*iskips*, sabiex jinnotifikhom dwar id-deċiżjoni tal-kunsill li

kien ser jinforza l-*bye-law* sabiex jitneħħew il-kontenituri tagħhom mill-postijiet pubbliċi sa l-aħħar t'April u jekk ma jitneħħewx, dawn ser jiġu mneħħija mill-kunsill bl-ispejjes iġorrhom is-sid ta' l-istabbiliment ta' l-ikel, l-operaturi tad-dgħajjes u tal-*iskips.*

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

## 11.3 TMIEM TAL-LAQGĦA

**11.3.1** Is-seduta ntemmet fis-7:05pm.

Minuti approvati llum : 26 ta' Marzu 2025

| | |
|---|---|
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |